# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgha, 30 ta' Awissu 2023

**Rik. Nru. 965/2023 ISB**

**Go P.l.c (C-22334)**

vs

**Jean-Paul Borg 0373298M**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** ta' **Go P.l.c (C-22334)** pprezentat fid-29 ta' Awissu 2023, li permezz tieghu wara li ppremettet dak hemmek premess, talbet sabiex:

1. *Tordna illi l-intimat, ai termini tal-Artiklu 8(1)(a) tal-KAP 488, jigi projbit – fuq bazi provvizorja u taht sanzjoni ta' penali ragjonevoli ghal kwalunkwe kaz ta' ksur ta' tali ordni – milli personalment, jew tramite terzi, ixandar, ixerred, jaghmel "upload", jippunblika jew b'mod iehor jaghmel u/jew izomm disponibbli ghal terzi, fuq il-youtube channel "Drammi Maltin" u/jew fuq il-midja socjali u/jew fuq l-internet u/jew bi kwalunkwe mod iehor, b'mod shih u/jew in parte,*

*xi episodju jew episodji mid-drammi "L-Ispettur Leonard" u/jew "Ic-Caqqufa" (Raba' Stagun) u/jew kwalunkwe dramm iehor li fuqu GO Plc ghandha drittijiet ta' proprjeta' intelletwali.*

2. *Tiddikjara illi f'dan il-kaz, huwa adatt illi tali ordni jew ordnijiet jinghataw b'urgenza u minghajr ma jinstema' l-intimat mhux biss minhabba li kwalunkwe dewmien f'dan l-istadju x'aktarx jikkaguna hsara li ma tissewwiex lill-esponenti, izda ukoll minhabba s-serjeta' tal-kaz, li addirittura jista' jkollu elementi kriminali.*

3. *Taghti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha mehtieg u xieraq.*

   *Bl-ispejjes konta l-intimat.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 8(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art. 8(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta'rikors titlob lill-Qorti :*
>
> *(a) toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi, milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tagħmel dik it-tkomplija soġġetta għal garanziji li jkunu intiżi biex jiżguraw li jingħata kumpens lid-detentur tad-dritt. Tista' wkoll tinħareġ projbizzjoni interlokutorja, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra kull intermedjarju li jkollu s-*

*servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn terzi hekk li dawn ikunu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali;*
*(b) jordna l-qbid jew il-kunsinna tal-oġġetti li jkunu suspettati li qegħdin jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rikors u tad-dokumenti annessi mar-rikors, minn fejn jirrizulta, in succint u ghal finijiet ta' din il-procedura, illi :

Is-socjeta' rikorrenti ghandha *platform* taghha "GO TV" li permezz taghha toffri servizzi ta' televizjoni lill-klijenti taghha, u dan il-*platform* joffri l-istazzjon TOKIS li ghandu skeda ta' produzzjonijiet originali bil-Malti.

Illi hija ghandha ftehim ma' Rodney Gauci datat 3 ta' Gunju 2022 ghall-produzzjoni tas-serje televiziva "**L-Ispettur Leonard**" u ftehim iehor datat 1 ta' Frar 2022 ma' Watermelon Media ghall-produzzjoni tar-raba' u l-hames staguni tas-sensiela "**Caqqufa**". Permezz ta' dawn il-kuntratti is-socjeta' rikorrenti ghandha drittijiet ta' proprjeta' intelletwali fuq l-imsemmija produzzjonijiet u drittijiet ta' xandir esklussiv.

Sostnuta b'dokumenti esebiti, is-socjeta' rikorrenti ssostni illi l-intimat jiggesstixxi *youtube* channel bl-isem ta' "Drammi Maltin", u jxandar drammi Maltin b'xejn lil min hu abbonat mal-*youtube*. Issostni illi dan is-sit ghandu ukoll accounts fuq medja socjali ohra, bhal *facebook* li fihom jirriklama l-produzzjonijiet li jkun ser itella'.

Proprju fuq il-pagna ta' *facebook* msemmija, jirrizulta illi l-intimat irriklama illi b'mod imminenti kien ser itella' fuq il-*youtube* channel tieghu proprju il-produzzjonijiet fuq msemmija. Issostni illi jekk isir dan, allura jkun ifisser illi jinkissru d-drittijiet taghha, naxxenti mhux biss mill-kuntratti msemmija imma ukoll ai termini tal-Artikoli 42 u 43 tal-KAP 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta` rikorrenti qiegħed ssostni illi dan kollu qed joħloq preġudizzju serju u irreparabbli lis-soċjeta` rikorrenti u qed tinvoka l-artiklu 8(1)(a) tal-Kap. 488 sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha.

Issa:

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess Artiklu 8 tal-KAP 488, u tiddikjara illi hija tinsab sodisfatta illi gew sodisfatti ir-rekwiziti necessarji

mill-ligi biex hija tilqa' it-talba hawn maghmula. Hekk per ezempju illi bid-dokumenti annessi, il-Qorti hija ragjonevolment sodisfatta, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, illi s-socjeta` rikorrenti hija d-detentur ta' drittijiet minnha pretizi[1].

Ulterjorment, minn dak mressaq mis-socjeta` rikorrenti, il-Qorti jidhrilha[2] illi kull dewmien f'settur tant delikat u mghaggel bhal ma huwa dan, jista' biss jikkaguna hsara lid-detentur tad-dritt li ma jissewwiex.

Dan kollu pero` qed jinghad u qed isir bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi kwalsiasi parti jista' ghandha ai termini ta' xi sub-inciz iehor tal-artiklu 8 tal-KAP 488

Irid jinghad b'mod car u inekwivoku illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

**(1) TILQA' l-ewwel talba u ordna illi l-intimat, ai termini tal-Artiklu 8(1)(a) tal-KAP 488, jigi projbit – fuq bazi provvizorja u taht sanzjoni ta' penali ragjonevoli ghal kwalunkwe kaz ta' ksur ta' tali ordni – milli personalment, jew tramite terzi, ixandar, ixerred, jaghmel "upload", jippunblika jew b'mod iehor jaghmel u/jew izomm disponibbli ghal terzi, fuq il-youtube channel "Drammi Maltin" u/jew fuq il-midja socjali u/jew fuq l-internet u/jew bi kwalunkwe mod iehor, b'mod shih u/jew in parte, xi episodju jew episodji mid-drammi "L-Ispettur Leonard" u/jew "Ic-Caqqufa" (Raba' Stagun) u/jew kwalunkwe dramm iehor li fuqu GO Plc ghandha drittijiet ta' proprjeta' intelletwali.**

**(2) TILQA' t-tieni talba fis-sens illi qed tghaddi ghall-ghoti ta' dan id-digriet in camera minghajr dewmien.**

**(3) TIPPROVDI dwar it-tielet talba billi tordna lis-socjeta' rikorrenti sabiex tinnotifika lill-intimat minnufieh b'dan id-digriet.**

---

[1] Sub-inciz 3

[2] Sub-inciz 4

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri li jkunu a karigu tal-intimati.

Digriet Kamerali moghti llum l-Erbgha, 30 ta' Awissu 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

Deputat Registratur